SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan

**Laqgħa Nru.25/K8/17**

Data tal-laqgħa 02 ta' Jannar 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrativ tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Giljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Martin Sultana - Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsilliera

**Assenti b' Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Il-Viċi Sindku Dott Albert Buttigieg (Inc.19/17)
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc.15/17)

**Assenti:(0)**

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

25.1.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill (Ara Inc.19/2017)

25.1.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal-laqgħa tal-Kunsill (Ara Inc. 15/2017)

25.1.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

25.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 24/K8/16 għall-approvazzjoni.

25.2.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tagħhom mingħajr korrezzjoni.

25.2.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy issekondah mingħajr korrezzjoni.

25.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajma mill-Minuti**

25.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward 24.2.10 dwar it-tindif tal-Wied tal-Balluta, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-wied dalwaqt jibda jitnaddaf.

25.2.06 Il-Kunsillier Martin Sultana qajjem il-punt fir-rigward St. Patrick's Day. Huwa ġie nfurmat li l-Kunsill irċieva email minghand is-Sur Phillippe Gatt li huwa interessat li jipparteċipa filwaqt li jaqbel mal-kundizzjonijiet li l-Kunsill talab fil-laqgħa li għaddiet. Is-Sur Phillippe Gatt informa lill-Kunsill bil-miktub li għandu wkoll l-approvazzjoni minn Transport Malta. Huwa talab wkoll li għandu jkun hemm tip ta' kuntratt mal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser jara kif ser imorru l-affarijiet din is-sena, jekk naraw li kollox imur tajjeb ikun jista' jsir kuntratt triannali.

25.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward il-*bus shelter* li hemm fi Triq Ġorg Borġ Olivier li għadha mkissra, huwa ġie nfurmat li dan il-*bus shelter* ġie rrapurtat diversi drabi lill-Faces Ltd (kemm b'email kif ukoll bit-telefonati). Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandha tintalab laqgħa sabiex tiġi diskussa din il-bus shelter u bus shelters oħra fil-lokalita'.

25.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward ir-*roundabout* li kellha ssir ħdejn il-Kulleġġ ta' l-Għarab, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li mar *onsite* mal-kuntrattur u jekk issir din ir-*roundabout* ser tkun aktar ta' periklu. Għaldaqstant ser isiru *stop sign / marking* maż-żewġ naħat biex jitnaqqsu aktar l-inċidenti.

**25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret l-laqgħa ma' l-Onor. Deborah Schembri s-Segretarju Parlametari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, fir-rigward id-Dar ta' l-Anzjani. Saret ukoll diskussjoni fuq it-talba tagħna sabiex il-Kumpless Dun Anton Sciberras ikun jista' jiġi *subleased*, is-Segretarju bagħat korrispondenza fejn jindika li skond il-kuntratt tal-leasing dan huwa possibli jsir bl-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Artijiet. Waqt il-laqgħa ssemiet ukoll ix-xewqa tagħna għad-devoluzzjoni ta' Palazzo Spinola.

25.3.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-*cameras*ta' mal-*bring in sites* bdew jifunzjonaw u dawn ittieħdu taħt ir-responsabilita' tal-*Cleansing Service Directorate*, fejn qed jiġu mmoniterjati min-naħa tagħhom. Jidher li s'issa beda jitnaqqas l-ħmieġ li kien qed ikun hemm madwar il-*bring in sites* li hawn fil-lokalita'

25.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-kunċert ta' Lapsi sar u kien ta' suċċess.

25.3.05 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward il-fees li saru min-naha ta' Portomaso għar-residenti li jagħmlu użu mill-car park. Huwa ġie nfurmat min-naħa ta' Portomaso li r-residenti li jokkupaw post għal ċertu tul ta' żmien jistgħu japplikaw għall tarrifa mnaqqsa.

25.3.06 Tqajjmet il-problema li tista' tinħoloq bit-tqassim tal-boroż tar-riċiklaċ għaliex skond iċ-ċirkulari mibgħuta mill-Green Pak aħna ġejna mitluba nqassmu borża waħda fil-ġimgħa minflok tnejn. Ser tintalab kjarifikazzjoni mingħand il-Green Pak.

25.3.07 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Public Conveniences ta' ħdejn it-Tigulio infetħu. Filwaqt li l-Public Conveniences li kien hemm fi Triq Ġorġ Borġ Olivier taħt il-Banif Bank dik ingħalqet u saru t-tabelli kollha neċessarji biex juri li din il-Public Convenience hija magħluqa.

25.3.08 Is-Segretarju ppreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni dwar it-*tender* tal-Maintanance tal-Cleaning & Maintanance of Parks & Gardens using Environmentally friendly products & Services.

Kien hemm żewġ offerti. Il-Kunsill qabel li tingħata lill-WM Environmental Ltd li kienet l-irħas offerta.

25.3.09 Is-Segretarju ppreżenta r-rapport ta' l-evalwazzjoni dwar it-tender ta' Upkeep & Maintanance of 'Access Roads' and 'Access only and pedestrian streets' in an Environmentally friendly manner. Kien hemm offerta waħda ta' l-LK Limited. U wara li saret kjarifika mal-Perit tal-Kunsill dwar il-prezzijiet sottomessi, il-Kunsill qabel li jaċċetta din l-offerta.

**25.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

25.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward it-tabelli li kellhom isiru biex ikun hemm rispett min-nies barra l-lokal fejn hemm żoni residenzjali. Huwa ġie nfurmat li dawn qegħdin fir-*request sheets*. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandhom jsiru aktar tabelli.

**25.5 Korrispondenza**

**Rif Nru. 7423**

25.5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bl-email mingħand is-Sur Alan Camilleri dwar Bicycle racks f'San Ġiljan b'risposta għad-domandi li l-Kunsill talab u pprovda kopja tal-permessi li għandu.

**Rif Nru. 7573**

25.5.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-*MEUSAC* dwar l-European Regional Development Fund. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipparteċipa. Il-Kunsilliera għandhom sa l-aħħar ta' Jannar sabiex jibagħtu l-idejat tagħhom.

**Rif Nru. 7590**

25.5.03 Il-Kunsill ġie nfurmat biċ-Ċirkulari mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bl-istruzzjonijiet għal matul il-Festi tal-Milied.

**Rif Nru. 7799**

25.5.04 Saret riferenza għall-istima tal-bankina fi Triq Birkirkara mingħand il-Perit Anthony Bezzina. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li s-Segretarju u ċ-Ċermen ser imorru fuq il-post mal-Perit.

**Rif Nru. 7876**

25.5.05 Saret riferenza għall-email mingħand l-iStreet Naming Committee dwar bdil fl-isem tal-Pjazza Balluta u parti minn Triq il-Kbira. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jaċċetta l-proposta tagħhom u parti minn Triq il-Kbira isir jisimha Triq Ċensu Tabone. Filwaqt li l-Pjazza Balluta tibqa' kif inhi u niltaqgħu magħhom biex nikkjarifikaw l-konfini. Tqajjmet ukoll il-kwistoni tat-talbiet pendenti li għandha ma' l-istess kumitat:

1. Triq Dun Anton Tabone ;
2. Pjazza bejn Triq San Mark u Triq Lapsi ser tinħareġ request sheet biex tisemma Pjazza Post ir-Rogazzjoni.
3. Parti minn Triq il-Klarissi ħarġet *request sheet* għat-tibdil ta' l-isem għal Triq il-Monasteru.

**Rif Nru. 7933**

25.5.06 Saret riferenza għall-email mingħand il-Perit Anthony Bezzina dwar Triq Scicluna. Il-Kunsill ġie nfurmat li għadu qiegħed jistenna uffiċjalment mingħand il-Kumissjoni Persuni b'Diżabilita'. Kien hemm qbil ukoll li tinġabar stima għal-lift. Din ser tinġabar mill-Kunsillier Edgar Montanaro. F'din is-sitwazzjoni ser nitolbu lill-Perit sabiex l-applikazzjoni tinżamm pendenti.

**Rif Nru. 7984**

25.5.07 Saret riferenza għall-email mingħand Leon Promotions dwar il-Karnival fis-sena 2017. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandha tinħareġ talba għal kwotazzjoni.

**Rif Nru. 8013**

25.5.08 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-laqgħa pubblika. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament lil-laqgħa annwali ta' Paceville ssir nhar il-Ġimgħa 24 ta' Frar 2017 fis-6.00p.m. filwaqt li ta' San Giljan issir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Marzu 2017 fis-6.00p.m.

**25.6 Budget**

25.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Budget għas-sena 2017. (Ara appendiċi 'A')

25.6.02 Is-Segretarju ta' spjegazzjoni tal-Budget.

25.6.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mal-Budget 2017.

**25.7 Appraisal tal-ħaddiema.**

25.7.01 Is-Segretarju ppreżenta bl-appraisal tal-ħaddiema lill-Kunsill, fejn spjega l-proċedura li ssir, filwaqt li talab li l-istaff kollhu jieħu l-full performance appraisal.

25.7.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament.

25.7.03 Is-Segretarju f'isem l-istaff irringrazzja lill-Kunsill.

**25.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

25.8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom.(Ara appendiċi 'B')

25.8.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mulappropona l-approvazzjoni tagħhom.

25.8.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy issekondah.

25.8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**25.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

25.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4082 sa 4119. (Ara appendiċi 'Ċ').

25.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets minn Nru. 4082sa 4119.

**25.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

24.10.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6.15p.m.u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar 2017 fl-4.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:**3 ta' Frar 2017